KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/59/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru.59**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch w il-Kunsillier Ferris. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

Is-Segretarju nforma lil Kunsill li l-Kunsillier Borg Myatt talab biex ikun skuzat jekk ma jattendix ghal-laqgha.

Il-Kunsillier Borg Myatt dahal ghal-laqgha fis-6.30pm.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru 57**

**Materji Konnessi**

**Item 2.11** – Il-Kunsillier Ferris qal li l-iskultur, is-Sur Adrian Schembri kellmu u qallu li sa l-ahhar tax-xahar ser igib inventarju dwar l-istat tan-nicec kollha li ghandna fil-lokalita'.

**Item 3.5** – Il-Kunsillier Lynch qal li ghandu jizdied il-kliem "u l-Kunsillier Lynch" wara l-Kunsillier Seychell.

**Minuti tal-laqgha Nru 58**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri tal-Kunsill nem.com.

**Materji Konnessi**

**Item 5.2** – Il-Kunsillier Ferris staqsa kif bqajna dwar il-patching li ma sarx sew fi Triq it-tifkira. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur ser jerga' jaghmlu ghas-spejjes tieghu.

## 2) Korrispondenza

2.1 - Il-Kunsillier Ferris baghat ittra lill-Kunsill dwar hofra fonda u perikoluza li hemm fis-suq ta' Paola. Hu qal li jista' jwegga' xi hadd serjament. Hu kompla jghid li din hija ta' nkonvenjent ghal Kazin tal-Banda jekk jidhol l-ilma fil-mahzen taghhom.

2.2 - Is-Sindku qal li hu ghamel rapport mal-pulizija fuq din il-hofra u mar ukoll mal-Perit tal-Gvern fejn sar rapport dwarha wkoll.

2.3 - Il-Kunsillier Ferris issuggerixxa li fis-suq jsiru bollards biex ma ssirx aktar hsara.

2.4 - Wara diskussjoni, sar qbil li jitranga s-Suq ta' Paola. Is-Sindku kellhu jiehu hsieb li dan ix-xoghol isir

2.5 - Il-Kunsillier Seychell qal li hemm bzonn li jsir culvert u ghalhekk ghandna nitolbu stima.

2.6 - Il-Kunsillier Ferris staqsa meta ser isir ix-xoghol fis-suq, meta ser jitwahhlu l-bollards u meta ser tigi rrangata l-hofra.

2.7 - Is-Sindku qal li x-xoghol tas-suq ser jibda sa hmistax ohra.

## 3) Tender Bandli

3.1 - Is-Segretarju qal li mill-expression of interest, tefghu l-offerta 3 tenderers.

3.2 - Is-Segretarju kompla jghid li dawn huma JGC Ltd ghall-prezz ta' € 55,630, Opal Ltd b'3 opzjonijiet ghall-prezzijiet ta' € 49,208, € 67,630 u € 67,527 u Alhag Ltd ghall-prezz ta' € 96,438.

3.3 - Il-Kunsillier Borg Myatt dahal ghal-laqgha fis-6.30pm.

3.4 - Is-Segretarju spjega dak li gie diskuss fil-Kumitat ta' l-ghazla. Inqraw ukoll l-ittri ta' kjarifika li ntbghatu lit-tenderers rispettivament.

3.5 - Il-Kunsillier Dalli staqsa x'qal il-Kumitat dwar l-offerta tal-Opal Ltd. Is-segretarju qal li t-2 offerta taghhom ma kinitx accessibli ghall-persuni b'dizabilita', u l-ewwel offerta ma hijiex skond l-ispecifications mitluba mill-Kunsill u ghaldaqstant gew imwaqqa'.

3.6 - Is-Segretarju qal li l-perit tal-Kunsill, is-Sur Chris Mintoff iccertifika li t-tenderers l-ohra ma' l-ewwel daqqa t'ghajn lahqu l-ispecifications li talab il-Kunsill.

3.7 - Il-Kunsillier Borg Myatt qal li fil-kodici ta' l-etika tal-Kunsilliera hemm miktub li jekk kulhadd jilhaq l-ispecifications mehtiega, trid tintaghzel l-irhas offerta.

3.8 - Wara li saret diskussjoni, il-Kunsillier Dalli ressaq din il-mozzjoni u giet issekondata mill-Kunsilliera Borg Myatt u Lynch;

" Wara li l-Kunsill sema' r-rapport tal-Bord ta' l-ghazla, il-Kunsill jipproponi li tintaghzel l-irhas offerta minn dawk eliggibli".

3.9 - Il Kunsillier Seychell ppropona zieda ma din il Mozzjoni, li tkompli:

"wara li l-Bord ta' l-ghazla jivverifika c-certifikati pprezentati."

3.10 - Din l-adenda giet issekondata mill-Kunsillier Dalli.

3.11 - Is-Sindku talab votazzjoni ghall-adenda kif pprezentata mill-Kunsillier Seychell.

3.12 - Il-Kunsilliera prezenti qabblu unanimament.

3.13 - Is-Sindku talab votazzjoni ghall-Mozzjoni bl-adenda nkluza.

3.14 - Il-Kunsilliera prezenti qabblu unanimament.

**4) <u>Programm Konfini</u>**

4.1 - Is-Sindku qal li dan il-programm ser isir minn fejn irridu ahna. Hu qal li ser ikun *live* u ser idum siegha u kwart. Hu kompla jghid li l-Kunsill kollhu ser ikun mistieden u li mhux il-kunsilli kollha ntghazlu biex jaghmlu dan il-programm.

4.2 - Il-Kunsillier Lynch qal li hu ma ghandu xejn kontra li jsir dan il-programm izda ma jistax jikkummenta minhabba li hu jahdem ma' Super One.

4.3 - Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ihallas € 1,000 ghal dan il-programm.

4.4 - Il-Kunsillier Ferris u l-Kunsillier Borg Myatt qalu li huma ma jaqblux li ghandu jsir dan il-programm ghax bil-flus li ser jithallsu jistghu jinxtraw il-computers.

4.5 - Wara diskussjoni, is-Sindku ghadda ghall-votazzjoni.

4.6 - Favur kienu s-Sindku, il-Vici-Sindku, il-Kunsilliera Dalli u Seychell. Astenzjonijiet Xejn. Kontra kienu l-Kunsilliera Ferris u Borg Myatt.

4.7 - Il-Mozzjoni ghaddiet.

## 5) Zjara Calcinaia

5.1 - Is-Segretarju qal li l-Kunsill gie misteden biex membri mill-Kunsill izuru Calcinaia biex jissahhah il-patt ta' hbiberija. Huwa qal li s-Sindku u l-Kunsillier Seychell urew interess. Il-membri tal-Kunsill approvaw, bil-kundizjoni li wara jithejja rapport.

## 6) Laptop ghas-Sindku

6.1 - Saret diskussjoni biex jinxtara laptop ghas-Sindku. Gie deciz li jinxtraw zewg *laptops* u wiehed minnhom ikun accessibli ghas-Sindku biex jaghmel ix-xoghol tal-Kunsill u l-iehor jkun ghall-access tal-Kunsilliera kollha.

## 7) *Paola LC International Football Tournament*

7.1 - Is-Sindku ressaq ghad-diskussjoni talba biex il-Kunsill Lokali Paola flimkien mal-Hibs Football Nursery jorganizzaw *International Football Tournament*. Il-membri tal-Kunsill approvaw bil-kundizzjoni li l-ispiza ma taqbizx l-1,000 euro.

## 8) Urbact Summer University

8.1 - Is-Segretarju qal li l-Kunsilliera Dalli u Lynch urew interess li jippartecipaw f' din l-attivita. Il-Kunsill approva.

## 9) Pagamenti

9.1 - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

## 10) Aggornament

10.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar il-Hamis 9 ta' Gunju 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 9-6-11

Kevin Borg
Segretarju

Dominic Grima
Sindku